Ott 2014
ħidmietna f'isimkom
PUBBLIKAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI NADUR

# AKTAR XOGĦLIJIET INFRASTRUTTURALI GĦALIK MILL- KUNSILL TIEGHEK



Tlestija ta' Triq Madre Ġemma Camilleri



Tlestija ta' parti minn Triq Wied Binġemma



Dustbins godda fil-Pjazza

## Fix-xhur li ġejjin:

- Pavimentar ta' Triq Dun Ġorg Preca
- Resurfacing ta' Triq San Koronatu
- Resurfacing ta' Triq San Ġużepp
- Sistema ta' dawl solari fi Ġnien San Blas
- Bdil ta' parti mill-fencing tal-grawnd tal-futbol

# Xogħlijiet



Rampa għas-sajjieda f'Daħlet Qorrot



Tlestija ta' Triq Rakela Camilleri



Bankina, bdil ta' parti mit-triq u tindif fejn iċ-ċimiterju il-gdid

Żomm ruħek aġġornat bl-attivitajiet, inizjattivi, xogħlijiet u nformazzjoni oħra tal-Kunsill.

Għamel LIKE fuq il- paġna ta' Facebook

www.facebook.com/NadurLocalCouncil




# Bidu tal-Proġett tal-Pjazza

B' fondi Ewropej li l-Kunsill irnexxielu jakkwista, tajna bidu għall-ewwel fażi tal-proġett tal-Pjazza San Pietru u San Pawl. Dan huwa proġett, ħolma ta' ħafna Nadurin u mill-aktar importanti biex nagħtu dehra ġdida u ħajja lill-pjazza ewlenija tagħna.

Kull proġett, sakemm jitlesta, jista joħloq inkonvenjent lir-residenti. Inwiegħdu li bħala Kunsill ser inżommu għajnejna fuq ix-xogħolijiet sabiex jitlestew fl-iqsar żmien possibli u li dawn isiru b'tali mod li jibqgħu jitgawdew għal tul ta' zmien.





# Avviżi

## Servizz ta' ġbir ta' ħġieġ għar-riċiklaġġ

Bl-iskop li jkun hemm iktar riċiklaġġ u titkabbar aktar il-kuxjenza ambjentali, minn Novembru, il-Kunsill tan-Nadur ser jibda joffri servizz ġdid ta' ġbir ta' ħġieġ mid-djar. Kull l-ewwel Ħamis tax-xahar, minn Novembru 'l quddiem ser tibda ssir ġabra ta' ħġieġ mill-lokalità kollha. Il-ħġieġ irid jinħareġ barra, kulħadd quddiem ir-residenza tiegħu, mhux qabel is-sebgħa ta' filgħodu u għandu jitpoġġa f'kaxxa tal-kartun.

## Użu ħażin ta' skips

Ġie nnotat li qed isir użu ħażin ħafna mill-iskips li l-Kunsill jipprovdi f'Ta' Xurdin. Fl-aħħar ġimgħat il-Kunsill irċieva diversi lmenti li qed jintefa' ħafna materjal barra mill-iskips. Il-Kunsill ifakkar li bil-liġi l-iskips jistgħu jintużaw biss mir-residenti tan-Nadur - ħadd ma jista' jitfa' skart li ġej minn negozju peress li dawn qegħdin hemm biss biex jintużaw għal skart domestiku (mid-djar) u li ħadd ma' jista' jitfa skart barra meta l-iskip ikun mimli jew fil-ġranet li ma jkunx hemm. Il-Kunsill hu deċiż li jekk ma jkunx hemm titjib fis-sitwazzjoni preżenti, jieħu azzjonijiet drastiċi. Għalhekk il-Kunsill qed jappella għal prudenza fl-użu ta'l-iskips. Dawn huma l-granet li fihom wieħed jista' jsib l-iskips f'Ta' Xurdin: **nhar ta' Tnejn u nhar t'Erbgħa minn nofsinhar sal-5 ta' filgħaxija u s-Sibt mit-8 ta' filgħodu sal-4 ta' filgħaxija**.



## Karnival




Minn naħa tal-Kunsill Lokali tan-Nadur, il-preparamenti għal wieħed mill-akbar avvenimenti fir-raħal tagħna diġa' għaddejjin ġmielhom. Din is-sena il-Karnival spontanju ser isir bejn il-Ġimgħa 13 u t-Tlieta 17 ta' Frar. Il-Karnival organizzat, li din is-sena wasal fl-24 edizzjoni tiegħu, ser isir il-Ħadd 8 ta' Frar fi Pjazza San Pietru u San Pawl. Dawk interessati jieħdu sehem fil-Karnival organizzat, huma mitluba jiġbru l-applikazzjoni mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014.

## Skart

Ejja nikkooperaw flimkien billi ma' noħorġux il-boroz tal-iskart nhar ta' Tlieta u nhar ta' Ħadd. Importanti li meta noħorġu l-iskart, dan inħalluh wara l-bieb tad-dar tagħna u f'ebda post ieħor. In-Nadur huwa tiegħi u tieghek. Nibżgħu għalih!



in PRAESEPIO
THE LIVING NATIVITY IN NADUR GOZO
Ħinijiet tal-ftuħ
DĦUL B'XEJN
DIĊEMBRU 2014
Is-Sibt 20: 5.00pm – 9.00pm.
Il-Ħadd 21: 3.30pm – 9.00pm.
Is-Sibt 27: 3.00pm – 6.30pm.
Il-Ħadd 26: 5.00pm – 9.00pm.
Is-Sibt 27: 5.00pm – 9.00pm.
Il-Ħadd 28: 3.30pm – 9.00pm.
JANNAR 2015
Is-Sibt 3: 5.00pm – 9.00pm.
Il-Ħadd 4: 3.30pm – 9.00pm.




FESTO CRISTO NATALIZIO
Wirja ta' Arti Sagra
'Joe Tabone Hall'
Nadur Local Council North Street, in-Nadur
15 ta' Diċembru 2014 – 4 ta' Jannar 2015




Il-Kunsill Lokali jifraħ u jawgura lis-sur
ANTHONY PORTELLI
rebbieħ tal-premju
Ġieħ in-Nadur 2014

# L-IMNARJA ĠUNJU 2014

**Attivitajiet organizzati mill-Kunsill Lokali tan-Nadur**



Wirja ta' Arti Sagra



Festa tfal fil-Pjazza



Wirja Agrarja



Kunċert mill-Pusè fil-Pjazza



Ikla Tradizzjonali



Tigrijiet taz-zwiemel



Programm Mużikali Annwali mill-Banda Mnarja



Xalata tal-Festa fi Ġnien il-Kunsill



Xandriku Fest

# ATTIVITAJIET OĦRA
## SAJF 2014
**Attivitajiet organizzati b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tan-Nadur**




# FITNESS CLASSES

by

Jen & Ang

* **AEROBICS to music**
  **+ cross fit**
* **YOGA-PILATES**
* **ROCK HARD ABS**
  **+cross fit (males only)**



For further information kindly contact:

Nadur Local Council
Tel. 2155 8080

**The Council also offers a GENERAL FITNESS CLASS by Radu**

STRONG MIND STRONG BODY

ONE LIFE
ONE BODY
ONE CHANCE

WHINING WON'T BURN CALORIES

FAT IS PAST TENSE OF FIT

THOSE WHO DO NOT FIND TIME TO EXERCISE.
SOONER OR LATER WILL HAVE TO FIND TIME FOR ILLNESS.

NOTHING TASTES AS GOOD AS ~~SKINNY~~ FIT FEELS

EXERCISE TODAY, BECAUSE YOU CAN.

It's never too late to begin!

MOVEMENT IS THE CELEBRATION OF LIFE








# WINE FESTIVAL
## AWISSU 2014
### It 12-il edizzjoni

Bejn id-29 u l-31 t'Awissu giet organizzatta it-12-il edizzjoni tad-Delicata Classic Wine Festival fi Gnien il-Kunsill. Bħal m'għamlu l-edizzjonijiet fil-passat, dan l-avveniment annwali ġibed lejn in-Nadur eluf t'Għawdxin u Maltin li flimkien, kellhom l-opportunità li jduqu l-inbid rinomat tal-kumpanija Delicata fuq sfond t'interpretazzjonijiet ta' kant u żfin minn artisti u gruppi lokali bħal Upper Lip, Straight Ahead, This co, Cash & Band, Gozo Boy, Viral Vibe Drums, Roundhouse Kicks u oħrajn. Is-sena d-dieħla dan il-fesival ser isir bejn it-28 u t-30 t'Awissu.


Marshall
Marshall





## ĊELEBRAZZJONIJIET
# JUM IL-KUNSILL 2014

**Is-Sibt, 8 ta' Novembru 2014**
8.00 p.m.: Lejliet il-festa tal-Kon-Patrun San Koronatu. Fit-Teatru MBC jittella' Kunċert Mużikali mill-Banda Mnarja taħt id-direzzjoni tas-Surmast Direttur Joseph Grech. Waqt il-Programm jingħata l-Premju 'Ġieħ in-Nadur' għas-sena 2014 mill-Kunsill Lokali, lil dik il-persuna li tkun iddistingwiet ruħha fil-ħajja soċjali tal-lokalità. Din-s-sena, dan il-premju ser imur għand is-Sur Anthony Portelli. Wara jsir riċeviment għal dawk kollha preżenti.

**Il-Ħadd 9 ta' Novembru 2014**
9.00 a.m.: Il-membri tal-Kunsill jattendu għall-quddiesa Pontifikali ta' Jum il-Festa ta' San Koronatu.
Bejn it-8.30 a.m. u s- 1.00 p.m. isir 'Blood Donation' f'Dar San Pietru u San Pawl fi Triq Diċembru 13.

**It-Tnejn 10 ta' Novembru 2014**
7.30 p.m: Isir il-ftuħ ta' Wirja fis-'Sala Joe Tabone' ta' xogħlijiet li saru mill-istudenti li attendew diversi korsijiet ta' arti matul is-sajf organizzati mill-Kunsill.

**It-Tlieta 11 ta' Novembru 2014**
7.00 p.m.: Fil-kappella tas-Sorijiet Franġiskani jittella' Kunċert ta' Mużika Sagra.

**l-Erbgħa 12 ta' Novembru 2014**
3.30 p.m.: Issir ħarġa għall-Anzjani b'quddiesa u wara ħin ta' mistrieħ u ikla.

**Il-Ħamis 13 ta' Novembru 2014**
5.30 p.m.: Isir 'Night Hike'. Tluq minn ħdejn il-Kunsill. Wara nieklu flimkien f' Ta' Kenuna Restaurant.

**Il-Ġimgħa 14 ta' Novembru 2014**
7.30 p.m.: 'Minn hu n-Naduri li għamel isem'. Serata fil-Gebuba Wine Bar fi Pjazza San Pietru u San Pawl. Is-sena, din is-serata ser tlaqqana ma' Eddie Vella. Imexxi s-Sur Charles Xuereb.

**Is-Sibt 15 ta' Novembru 2014**
2.00 p.m.: 'Clean up Nadur'. Attività bis-sehem tal-Kunsill taż-Żgħażagħ fejn isir tindif tat-toroq mhux urbani fin-Nadur.
2.00 p.m.: Fil-Futbol Ground 'Peter Camilleri' jsir it-tournament 'Joe Tabone Memorial Tournament'.
3.00 p.m.: Attività ta' tħawwil ta' 50 siġra fl-inħawi ta' Xurdin, fl-okażżjoni tal-50 Anniversarju mill-Indipendenza ta' pajjizna .

**Il-Ħadd 16 ta' Novembru 2014**
9.30 a.m.: Fil-Bażilika ta' San Pietru u San Pawl issir il-Quddiesa ta' Radd il-Ħajr bis-sehem tal-membri tal-Kunsill, membri tas-sotto Kumitati, Staff u poplu Naduri. Iqaddes Mons. Arċipriet Jimmy Xerri. Din il-quddiesa tkun b' sufraġju tal-ex-Sindku Joe Tabone u l-ex-Kunsillier Frans Sammut.
Bejn id-9.00 a.m u s- 1.00 p.m. fi Pjazza San Pietru u San Pawl issir wirja ta' Vetturi Klassiċi u Militari Antiki.
Bejn id-9.00 a.m u t-3.00pm ikun hemm Open Day tat-Torri Sopu.
3.00 p.m.: Tittellà Sports Day għat-tfal tal-Iskejjel Primarji u Sekondarji fil-ground tal-MUSEUM tas-Subien.